MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 233/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Sandro PACE [ID. Nru. 560383M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija sebgha u tletin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi ta' euro [€337.83c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett mija sebgha u tletin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€337.83) in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija ċellulari 79051183 (AC50689728).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 3638/10, u bl-imghaxijiet mid-19 t' Ottubru 2010, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra r-risposta ta' l-intimat minnu ppreżentata fil-21 ta' Mejju, 2014 u li permezz taghha huwa wieġeb hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta attriċi hi preskritta stante li kif ser jirrizulta mill-atti, il-kopja tal-ittra uffiċjali ezebita mal-Avviz ma ġietx notifikata.

2. It-talba minghajr preġudizzju hi nfondata fil-fatt u fi dritt kif ser jirrizulta fil-kawza.

3. Illi l-ammont mhux dovut.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attriċi."

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-

somma ta’ tlett mija sebgha u tletin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi ta’ euro [€337.83c] u li l-ammont ta’ €48.90c fejn l-entrata datata 29 ta’ Lulju, 2013 kienu spejjez gudizzjarji.

Ra li Dr. Keith Grech fis-seduta tal-11 ta’ Gunju, 2014, b’referenza ghall-ewwel eċċezzjoni tal-intimat irrileva li l-ewwel entrata fid-dokument A anness mat-Talba hija l-1 ta’ Mejju, 2009 u l-proceduri odjerni gew intavolati fl-4 t’April, 2014 u notifikati fil-11 t’ April 2014 u ghalhekk entro t-terminu ta’ hames snin. Irrileva ukoll li fir-risposta tal-intimat ma hemmx indikat l-artikolu tal-preskrizzjoni invokat.

Ra n-nota ta’ ammissjoni ta’ l-intimat minnu ppreżentata fis-seduta tal-lum u li permezz taghha ammetta l-mertu tat-Talba odjerna u cioe li huwa kellhu jaghti l-ammont ta’ €337.83c iżda li l-imghax ghandu jkun dovut mid-data tal-kawza u cioe mill-11 ta’ April, 2014. F’din in-nota, l-intimat ikkontesta ukoll l-ispejjez tal-ittra uffiċjali datata 19 ta’ Ottubru, 2010 stante li ma kienx notifikat biha.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ tlett mija sebgha u tletin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi

ta’ euro [€337.83c] in konnessjoni ma’ servizz ta’ telefonija ċellulari 79051183 (AC50689728).

Ikkunsidra;

2. L-intimat sahaq fir-risposta tieghu li t-talba tas-socjeta rikorrenti kienet perenta, liema eċċezzjoni però t-Tribunal ser jichadha stante li fis-seduta tal-lum, huwa stess ressaq nota li permezz taghha huwa ammetta li ghandu jaghti l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti.

3. L-istess ser jaghmel ghar-rigward ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra minnu sollevati fir-risposta tieghu.

4. Fin-nota ta’ ammissjoni tieghu, l-intimat jghid li huwa ghandu jibda jhallas l-imghaxijiet fuq l-ammont minnu ammess “mid-data tal-kawza u cjoe 11 ta’ April, 2014” – sottolinejar tat-Tribunal. L-intimat qed jghid dan l-ghaliex l-ittra uffiċjali intavolata kontrih fid-19 ta’ Ottubru, 2010 baqghet qatt ma ġiet notifikata lilu. L-intimat ghandu raġun dwar dan, però d-data li minnu beda jinkorri l-imghaxijiet fuq l-ammont minnu ammess ghandha tkun l-4 ta’ April, 2014 u mhux il-11 ta’ April, 2014. It-talba odjerna ġiet intavolata fl-4 ta’ April, 2014 u mhux fil-11 ta’ April, 2014. Huwa gie notifikat fil-11 ta’ April, 2014 bit-Talba li ġiet intavolata fl-4 ta’ April, 2014.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Illi in vista tan-nota ta’ ammissjoni ta’ l-intimat minnu mressqa quddiem it-Tribunal llum stess, t-Tribunal ma ghandux alternattiva ohra hlief li jiddikjara li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u jisthoqqilha li tiġi milqugha.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-intimat fir-risposta tieghu in vista ta’ l-ammissjoni minnu maghmula fit-8 ta’ Ottubru, 2014;

2. Jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet tal-intimat minnu mressqa fir-risposta tieghu in vista ta’ l-ammissjoni minnu maghmula fit-8 ta’ Ottubru, 2014;

3. Jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ tlett mija sebgha u tletin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi ta’ euro [€337.83c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-4 ta’ April, 2014, data tal-prezentata ta’ din it-Talba, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------